# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgha, 25 ta' Novembru 2022**

**Talba Nru: 109/2022 JG**
**Numru fuq il-lista: 11**

**Farrugia Textiles Limited [C 6981]**

**Vs**

**Ian Attard [K.I. 331587M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' April 2022[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallasha l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u ħamsin Ewro (€3,750) bħala spejjeż ta' żmien t'avviż skont kuntratt t'impjieg ta' bejn il-kontendenti u dan kif aħjar deskritti fl-istess Avviż;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra d-dokumenti anness mal-Avviż promotur[2];

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2022[3], fejn permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu huwa kkwerela l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, permezz tat-tieni eċċezzjoni talab is-soprasessjoni pendenti proċeduri oħra, permezz tat-tielet eċċezzjoni jgħid li huwa ġie reġistrat mal-Awtoritajiet bħala impjegat ma' soċjetá oħra u eċċezzjonijiet oħra fil-mertu.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022[4] ġie maqbul li għandha l-ewwel tiġi trattata u deċiża din l-eċċezzjoni;

Ra r-rikors tas-soċjetá attriċi tad-19 ta' Settembru 2022[5], minn fejn jemerġi li s-soċjetá attriċi aċċettat l-eċċezzjoni tal-konvenut u talbet sabiex dan it-Tribunal jirrimandi l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali;

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2022 [6] fejn dawn il-proċeduri tħallew għall-preżenti deċiżjoni;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi mill-*iter* hawn fuq riprodott jirriżulta ċar li din il-kawża ġiet stradata biss fuq deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut[7] li, b'referenza għall-Att LVIII

---

[2] Dok A, B u C. Dawn jibdew a fol 6 tal-proċess.
[3] A fol 20 tal-proċess.
[4] Verbal jinsab a fol 25 tal-proċess.
[5] A fol 26 tal-proċess.
[6] A fol 27 tal-proċess.
[7] Dan anke għaliex hekk kellu jsir fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 7(2)(A) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

tas-sena 2020 tgħid li dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni jisma u jaqtá dawn il-proċeduri. Mill-ewwel jingħad li din l-eċċezzjoni hija tajba.

Illi tajjeb wieħed ifakkar li deċiżjoni rigwardanti ġurisdizzjoni jew kompetenza trid issir fil-forma ta' sentenza. Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fi bnadi differenti tiegħu, juri li tali deċiżjoni għandha tingħata b'dan il-mod[8]. F'dan il-każ dan huwa aktar aċċenwat għaliex m'huwiex ir-rikors tas-soċjetá attriċi li qiegħed jiġi deċiż, imma l-eċċezzjoni tal-konvenut, li naturalment ma tistax tiġi sempliċement imwarrba jew milqugħa b'digriet. Wara kollox, huwa ben aċċettat li kwistjonijiet ta' ġurisdizzzjoni u kompetenza huma t'ordni pubbliku, u għalkemm jidher li hemm qbil (u xewqa) bejn il-kontendenti, din m'għandhiex tkun ir-raġuni l-għala tintlaqa din l-eċċezzjoni[9]. Għalhekk tajjeb li l-mertu tal-eċċezzjoni jiġi nvestigat, anke jekk b'mod brevi.

---

[8] *Vide* l-artikolu 234 u l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Edwin Cilia vs Melina Cilia,** (Rik Nru 106/20/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-30 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema dik il-Qorti annullat digriet fejn ġiet miċħuda eċċezzjoni tal-kompetenza permezz ta' digriet f'verbal. Fil-fatt, dik il-Qorti qalet hekk: *"Dan ifisser li l-ewwel Qorti kellha tiddisponi mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza permezz ta' sentenza preliminari appożita jew permezz ta' kap separat fis-sentenza finali (u mhux permezz ta' digriet, kif jikklassifika d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti l-konvenut appellat).*

[9] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Azzopardi vs Doris Behag,** (App Ċiv Nru: 133/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il- 5 ta' April 2013, fejn waqt deċiżjoni dwar aggravju li kien ikkritika l-ewwel sentenza għaliex l-eċċezzjoni tal-kompetenza ġiet sollevata *ex officio* qalet hekk *"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku, u l-partijiet ma jistghux "jaqblu" dwar quddiem liema Qorti jressqu d-disputa taghhom. L-eccezzjoni ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tista', skont xi awturi u sentenzi, tigi rinunzjata jekk il-konvenut f'kawza jissottometti ruhu ghal dik il-gurisdizzjoni. Min-naha lohra, il-kompetenza tad-diversi tribunali tal-istat Malti hija regolata b'ligi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux taghha. Ir-regoli ta' procedura huma ta' ordni pubblika u jehtieg li jigu segwiti skont id-dettami espressi taghhom, u ma jistghux jigu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet."*

Illi jirriżulta li l-emenda leġislattiva magħmula permezz tal-Att LVIII tas-sena 2020 ġiet xprunata minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[10]. Dan huwa wkoll ċar mid-dibattiti parlamentari relattivi[11].

Illi minn qari tal-artikolu 75(1)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta magħdud ma' dak li jridu l-artikoli 36(11) u 36(12) tal-istess Kapitolu, hekk kif emendat,[12] u kif in huwa *in vigore* llum (u kif kien fil-mument tal-preżentata tal-azzjoni odjerna) huwa ċar li l-għan aħħari tal-leġislatur (għalkemm jidher li għad hemm

---

[10] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Waldemar David Galea vs L-Universitá ta' Malta,** (App Ċiv Nru: 35/2018) mogħtija nhar il-25 ta' Jannar 2019.

[11] Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2020, Il-Ministru responsabbli kien qal hekk: *"Sinjura President, dan l-Abbozz ta' Liġi li qed jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali nistgħu norbtuh mad-drittijiet tal-ħaddiema. L-iskop ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu li niċċaraw li t-Tribunal Industrijali għandu kompetenza fuq il-ħaddiema li għandhom kuntratt definit. Qed ngħid hekk għax fil-25 ta' Jannar 2019 ġiet mogħtija sentenza mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li t-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' kuntratti definiti. Għalhekk l-iskop tagħna hu li niċċaraw li t-Tribunal Industrijali għandu jkollu kompetenza fejn għandhom x'jaqsamu l-ħaddiema b'kuntratt definit."* Fis-seduta sussegwenti, dik tal-24 ta' Novembru 2020, kien reġa intqal hekk: *"Sur President, l-iskop ta' dan l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna huwa biex nemendaw il-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Din l-emenda hija żgħira imma għandha l-importanza tagħha minħabba interpretazzjoni marbuta ma' sentenza tal-Qorti li ngħatat f'Jannar tas-sena li għaddiet. Din is-sentenza kienet dwar kuntratt ta' xogħol definit u jekk it-Tribunal Industrijali għandux kompetenza jew le biex jisma' ħaddiema li jkunu fuq kuntratt definit, li jkollhom xi ilment jew ieħor. Wara dik is-sentenza rajna li din l-interpretazzjoni u d-deċiżjoni tal-Qorti tiġi ċċaratha bil-liġi. B'hekk, dawk il-ħaddiema li għandhom kuntratt definit jkunu jistgħu, f'każ ta' xi ilment jew ieħor, jirrikorru quddiem it-Tribunal Industrijali ħalli jieħdu sentenza skont dak li t-Tribunal jiddeċiedi."* Tajjeb lit-Tribunal jirrimarka li ma hemm xejn ħażin li jiġu utilizzati dibattiti parlamentari sabiex jiġu ċċarati interpretazzjonijiet tal-liġi. F'dan is-sens, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Bartolo *et* vs Anthony Deguara *et*,** (App Ċiv Nru: 468/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Diċembru 2015 u kif ukoll s-sentenza fl-ismijiet **Dr. John Vassallo vs L-Awtoritá tat-Trasport f'Malta,** (App Ċiv Nru: 288/14) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Jannar 2015 (l-appell minn din l-aħħar deċiżjoni ġie dikjarat tardiv permezz ta' sentenza datata 15 ta' Diċembru 2015).

[12] Għalkemm huwa doveruż li wieħed jissenjala li hemm referenza żbaljata fin-nota marġinali tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta li ssemmi l-Att LVI tas-sena 2020 u mhux l-Att LVIII tal-istess sena.

xi problemi fl-aspetti tranżitorji tal-istess emendi[13]) kien li din l-azzjoni bbażata fuq dan it-tip ta' kuntratt tinstema biss quddiem Tribunal speċjalizzat.

Illi b'hekk, ġialadarba l-leġislatur ried li jkun it-Tribunal Industrijali li jisma' azzjonijiet bħal dik odjerna, dan it-Tribunal ma jistax jissokta aktar bis-smigħ tal-kawża[14].

Illi per kompletezza mbagħad, jingħad li f'dan il-każ partikolari ma hemm l-ebda djalogu neċessarju dwar xi aspett tranżitorju tal-emendi hawn issa applikati[15].

Illi dwar it-trasmissjoni ta' dawn l-atti, l-artikolu rilevanti[16] hekk kif riċentement emendat[17] jagħti lil dan it-Tribunal l-istess fakultà li kellha Qorti sabiex tittrasmetti atti permezz ta' digriet *in camera*. Dan it-Tribunal jemmen li filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-kompetenza o meno għandha tingħata permezz ta' sentenza, l-att ta' trasmissjoni jsir permezz ta' digriet. Huwa permezz ta' dak id-digriet li Qorti, Bord jew Tribunal jibgħat proċeduri lill-Qorti, Bord jew Tribunal, skond ma jkun il-każ, li jidhirlu għandu l-kompetenza meħtieġa. Huwa dak id-digriet li

---

[13] F'dan is-sens issir referenza għal dak deċiż fid-digriet mogħti fil-proċeduri **Patience Samsin vs Support Services Limited,** (Rik Nru: 748/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Mejju 2022.

[14] Utli hawn li jsir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited *noe* vs Sullivan Maritime Limited *noe*,** (Talba Nru: 497/2016) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut nhar l-20 ta' Settembru 2017. Għalkemm dik id-deċiżjoni ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-mertu tagħha, xorta jibqa jgħodd il-kliem ġeneriku iżda awtorevoli ta' dak it-Tribunal fejn ġustament issenjala li: *"huwa li jwettaq, fil-kawżi li jiġu quddiemu, ir-rieda tal-Parlament, kif espressa fil-liġijiet. Il-liġi trid li l-ebda qorti jew tribunal ma jisma' jew jiddeċiedi kawża lil ħinn mis-setgħat mogħtija, u l-kompetenza vestita fih bil-liġi. Huwa għalhekk li l-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda mill-ftit kwistjonijiet li t-tribunal huwa obbligat li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-partijiet."*

[15] Għal dak li jiswa, wieħed huwa mistieden jara kemm dak deċiż u r-rakkolta ġurisprudenzjali magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Osmar Caruana vs Sandro Mamo *et*,** (Rik Ġur Nru: 956/2013) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-1 ta' April 2022 (attwalment pendenti l-appell).

[16] Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Att Nru XXXII tal-2018.

m'huwiex appellabbli mill-partijiet, u jidher li għalhekk ġiet imfassla proċedura fejn il-Qorti, Bord jew Tribunal riċeventi tista' titlob hi parir fuq jekk fil-fatt il-Qorti, Bord jew Tribunal magħżula għandhomx kompetenza biex ikomplu jisimgħu dawk il-proċeduri[18].

Illi dan it-Tribunal kif presedut diġà kellu okkażjoni jidħol fuq dan il-punt u jqis li għandu jerġa' jadotta l-istess raġunament u proċedura hemm utilizzata[19].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed, jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jiddikjara li m'għandux il-ġurisdizzjoni *ratione materie* sabiex jisma u jiddeċiedi din it-talba u salv għad-digriet *in camera* ai termini tal-artikoli 741(b) u 741(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li qiegħed jingħata kontestwalment, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali skond kif ikun deċiż mit-Tribunal riċeventi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[18] Din l-aħħar proċedura ġiet riċentement utilizzata fil-proċeduri fl-ismijiet **Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex *et***, (Rik Nru: 1152/2019). Wieħed huwa mistieden jara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-15 ta' Lulju 2020.

[19] *Vide* f'dan is-sens dak deċiż kemm fis-sentenza preliminari u fid-digriet fl-ismijiet **Antonia k/a Tanya Mifsud vs No Deposit Cars Malta Limited et,** (Tlb Nru: 196/2020), it-tnejn mogħtija fit-28 ta' Jannar 2021.